# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 22 ta' Frar 2002**

**Rikors numru 16B/99**

**Numru 33**

**Perit Arkitett Rene Buttigieg, Roberta u Meinrad konjugi Calleja, Rachelle Buttigieg, u Adrian Calleja bhala mandatarju specjali ghan-nom ta' Maronna u Victor konjugi Calleja assenti minn dawn il-gzejjer u b'digriet tas-26 ta' Awissu 1999 l-istess Arkitett Perit Rene Buttigieg bhala mandatarju specjali ghan-nom ta' Maronna u Victor Calleja assenti minn dawn il-Gzejjer**

**vs**

**George u Carmen konjugi Sammut**

Il-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma jikru lill-intimat porzjoni raba formanti parti mill-art "ta Hbula" li ghandha faccata fuq Triq Annibale Preca, Hal-Lija, tal-kejl il-porzjoni

mikrija ta‘ cirka sitt itmiem, u dana bil-qbiela ta‘ tnax il-lira fis-sena (Lm12) li tithallas bil-quddiem bl-ewwel skadenza fil-15 ta' Awissu 1995.

Illi r-rikorrenti ghandhom bzonn jirriprendu l-pussess tal-istess raba biex jizviluppawh f'bini billi din l-art hija fl-iskema tal-bini fil-pjan regolatur, u indikata ghall-izvilupp f'terraced houses.

Illi l-esponenti iridu jizviluppaw l-art li giet mqassma fi plots, u iridu l-hrug tal-permess tal-bini relattiv ghall-plot numru 24 (markata fil-pjanta annessa Dok A), tal-kejl ta' cirka 42 qasab kwadri oltre 66 qasab kwadri mehtiega ghal nofs it-triq bhala access ghalija.

Ir-rikorrenti talbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-art, fuq indikata tal-kejl ta' cirka 42 qasab kwadri, immarkata bhala plot 24 oltre 66 qasab kwadri, mehtiega ghal nofs it-triq bhala access ghaliha, mill-poter tal-intimati billi jordna lill-intimati jizgumbraw mill-istess fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, prevja l-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens xieraq li jista jkun talvolta dovut lill-intimat skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-intimati (fol 6 tal-atti) li biha eccepew:

1. Illi Rachelle Buttigieg u Adrian Calleja ghandhom jipprovaw il-mandat taghhom ta' Maronna u Victor Calleja.

2. Illi r-rikorrenti ghandhom qabel xejn jipprezentaw kopja tal-permess tal-bini relattiv ghat-talba taghhom.

3. Illi r-raba in kwistjoni huwa fonti ewlieni ghall-ghixien tal-esponent u l-familja tieghu. L-esponent ghamel diversi benefikati tul il-lokazzjoni li f'kaz li t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha ghandu jittiehed kont taghhom ghall-finijiet tal-kumpens.

4. Illi f'kull kaz it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha ghal dik il-parti fejn mhux ser isir bini, aktar u aktar jekk mhijiex koperta bil-permess tal-bini.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza specjalment id-digriet a fol 26, 27 u 28.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, in sintesi, ir-rikorrenti ipproducew is-segwenti provi:-

a) Nota li permezz taghha gie esebit l-permess ta' bini rigwardanti l-imsemmi "plot 24" (fol 22 tal-istess atti) flimkien ma "site plan" li fuqu hu specifikat l-istess "plot 24" (fol 23 ibid).

In rigward dan issir referenza ukoll ghal fol 37 u 50 tal-atti fejn hemm esebita xhieda moghtija mill-Perit Rene Buttigieg fl-atti tar-rikors numru 4/89B decis fit-23 ta' Lulju 1993 (ara fol 68 sa 70 ibid).

b) Kopja awtentita' tal-prokura rilaxxata minn Victor u Anna Maria Calleja u dan in konnessjoni mal-ewwel eccezzjoni (fol 78 u 79 tal-atti).

Ikkunsidra

Illi l-Periti Teknici ta' dan il-Bord issottomettew (fol 75 et seq ibid) illi matul l-ahhar tmien snin ma sarux benefikati agrikoli fl-istess art waqt li l-kumpens dovut skond il-ligi jammonta ghal Lm120.

Ikkunsidra

Illi l-intimat xehed kif jidher a fol 83 et seq ibid. Pero jinghad li dak li ssottometta fl-istess xhieda hu totalment irrilevanti ghat-talbiet in esami u in rigward il-motivazzjonijiet tal-istess talbiet, basati kif huma, fuq l-artikolu 4 (2) (b) (5) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jilqa t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u jawtorizza lir-rikorrenti et sabiex jirriprendu, mill-poter tal-intimati, l-art in kwistjoni tal-kejl ta' cirka 42 metri kwadri oltre 66 qasab kwadri mehtiega ghal nofs it-triq bhala access ghaliha u mmarkata bhala plot 24 fl-anness Dok A li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza kif ukoll jordna lill-intimati sabiex jizgumbraw mill-istess "plot 24" sal-15 ta' Awissu 2002 u lir-rikorrenti et sabiex jhallsu lill-intimati s-somma ta' Lm120 bhala kumpens dovut skond il-ligi; Bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg